MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 642/2009

**Emanuel Grech Co Ltd.**

**vs**

**Ramazan Ertugrul**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u tmienja u erbghin ewro u tmienja u sittin centezmi (€748.68c) rapprezentanti bilanc li kien ghadu dovut ghal merkanzija mibjughha u konsenjata lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess; bl-ispejjez u l-imghaxijiet kummercjali mit-30 ta' Dicembru 2007 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment huwa notifikat baqa ma pprezenta l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

It-Tribunal sema' lil Dr. Tonio Cachia jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub kien ghadu dovut sal-gurnata tallum peress illi baqa' ma sar l-ebda pagament wara l-prezentata ta' din il-kawza. It-Tribunal innota wkoll illi ghalkemm imsejha diversi drabi l-konvenut baqa' ma deherx u ghalhekk wisq inqas setgha jew ikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici; konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' seba' mija u tmienja u erbghin ewro u tmienja u sittin centezmi (€748.68c) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-30 ta' Dicembru 2007, u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------